MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 554/2003

**Victor Fenech.**

**vs**

**1. Mary Jacqueline Fenech.**
**2. Anthony Camilleri u b' digriet tat-12 ta' Ottubru 2005 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-isem ta' Mary Jacqueline Fenech bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Ryan Camilleri, u dan bhala eredi tal-mejjet Anthony Camilleri li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta Mary Jacqueline Fenech huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 14 ta’ Ottubru 1994, fl-atti tan-Nutar Dr. Anne Attard (Dok “VF 1”).

Illi fit-tnax (12) ta’ Gunju 1989 twieled tifel, Ryan Tuber Joseph (Dok “VF 2).

Illi mid-data tat-twelid tal-minuri, Ryan Tudor Joseph, sad-data tas-separazzjoni personali l-attur mantna lill-istess minuri *stante* li kien iqisu ibnu.

Illi b’sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ April 2002 fl-ismijiet fl-ismijiet "**Mary Jacqueline Fenech f’isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* tat-tifel Ryan Fenech vs l-istess Victor Fenech, Anthony Camilleri u Direttur tar-Registru Pubbliku**" (Cittaz. Nru. 1260/00/RCP) gie dikjarat li l-minuri Ryan Tudor Joseph huwa l-wild naturali u biologiku tal-konvenut Anthony Camilleri u m' hux tal-attur.

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, arrikkew ruhhom ingustament skapitu tal-attur.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

(1) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom arrikew ruhhom ingustament skapitu tal-attur.

(2) Tillikwida l-ammont rapprezentanti tali arrikkiment ingust.

(3) Tikkundanna lill konvenuti, jew min minnhom ihallsu lill-attur s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u ta' dokumenti.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tas-6 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Mary Jacqueline Fenech datata 10 ta' Settembru 2003 a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:-

1. Preliminarjament, illi t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Illi dejjem preliminarjament, il-konvenut l-iehor Anthony Camilleri miet.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati *stante* illi l-ligi espressament tipprovdi illi ma ghandux ikun hemm il-hlas lura ta' manteniment illi jkun lahaq thallas bil-konsegwenza illi d-divjet tal-ligi ma jistax jigi aggirat billi ssir talba bbazata fuq arrikiment ingust.

4. Illi dejjem subordinatament u minghajr pregudizzju, l-attur kien jaf illi l-minuri Ryan Tudor Joseph ma kienx ibnu sa mit-twelid tieghu u ghaldaqstant kwalsiasi manteniment talvolta mghoti mill-konvenut ghandu jitqies bhala donazzjoni gratuwita li ma taghtix lok ghal azzjoni bbazata fuq arrikiment ingust.

5. Illi l-konvenuta ma ghamlet l-ebda arrikkiment ingust a skapitu tal-attur, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smigh tal-kawza.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li sa minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ronald Aquilina ghall-konvenuta, l-attur, u l-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 ta' Lulju 2004 a fol. 19 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tirriappunta mill-gdid il-kawza fuq il-lista ghas-smigh, u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Tonio Mallia, bid-digriet taghha moghti fid-9 ta' Settembru 2004, wara li rat in-nota tal-attur tas-7 ta' Settembru 2004, laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghal nhar it-Tlieta 9 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Ilona Debono ghall-attrici u Dr. Ronald Aquilina ghall-konvenuti. Il-Qorti nnotat li l-legittimazzjoni tal-atti trid issir fis-sens li Mary Jacqueline Fenech assumiet l-atti bhala kuraturi *ad litem* ta' binha minuri Ryan Camilleri u dan bhala eredi tal-mejjet Anthony Camilleri li miet fl-mori tal-kawza li ghandu jigi rifless fl-okkju tal-kawza u f' dan is-sens huwa d-digriet tal-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2005. Il-Qorti nnotat li l-atti relattivi ghal tali legittimazzjoni tal-atti ma kinux ghadhom fil-process u ordnat li l-istess atti jigu nseriti fil-process. Gie wkoll verbalizzat li l-legittimazzjoni kienet saret konsegwenza ghar-rikors da parti tal-attur datat 3 ta' Dicembru 2004. Il-Qorti ordnat lill-attur biex jipprezenta nota guramentata fejn jispjega u jikkwantifika l-pretensjonijiet tieghu abbazi tal-ewwel u t-tieni talba b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti, li qed jidher ghall-konvenuti kollha. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Kenneth Gulia sabiex jiffissa seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat in-nota ta' Mary Jacqueline Fenech wara r-rikors ta' Victor Fenech tat-3 ta' Dicembru 2004, datata 10 ta' Mejju 2005 a fol. 65 tal-process li permezz taghha fil-kwalita` taghha ta' kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Ryan Camilleri iddikjarat a tenur tal-**artikolu 807 tal-Kap 12** li hija ser tkompli f'isem l-imsemmi binha bil-kawza minflok il-konvenut l-iehor il-mejjet Anthony Camilleri u ghal dan il-

ghan iddikjarat wkoll li fil-kwalita` premessa taghha qed taderixxi ruhha man-nota ta’ eccezzonijietipprezentata minnha stess *proprio*.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia u x-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Victor Fenech datata 12 ta’ Ottubru 2007 a fol. 116 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-4 ta’ April 2006 sad-data tat-1 ta’ Novembru 2007, fejn jinghad li fit-12 ta’ Gunju 2007 gie verbalizzat li l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed, u li gew awtorizzati sabiex jipprezentaw noti ta’ osservazzjonijiet rispettivament fit-termini hemm indikati.

Rat id-decizjoni tas-17 ta’ Ottubru 2007 fis-sens li l-Qorti bhala Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kif presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri iddikjarat li hija nkompetenti *rationae materiae*, u ordnat li l-istess kawza titnehha minn fuq il-lista u tigi assenjata lill-Qorti Civili Prim Awla (fol.122/123).

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Novembru 2007 minn din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie verbalizzat li r-Registratur tal-Qorti assenja din il-kawza lill din il-Qorti hekk kif presjeduta u inghad li din il-kawza giet appuntata quddiem l-istess Qorti ghat-8 ta’ Jannar 2008 (fol. 129).

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta Mary Jacqueline Fenech et ipprezentata fis-seduta tat-8 ta’ Jannar 2008 a fol. 133 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta’ Novembru 2009 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ronald Aquilina ghall-konvenuti, Mary Jacqueline prezenti. Dehret

ukoll Dr. Ilona Debono ghall-attur prezenti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2010.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija azzjoni ta’ *actio de in rem verso* fejn l-attur qed jitlob li jithallas lura l-allegati ammonti li huwa hallas bhala manteniment lill-konvenuta ghall-manteniment ta’ binha Ryan, li irrizulta eventwalment li huwa iben Anthony Camilleri skont kif ukoll dikjarat fis-sentenza fl-ismijiet **“Mary Jacqueline Fenech proprio et nomine vs Victor Fenech et”** (Citaz. Numru 1260/00/RCP) deciza fit-30 ta’ April 2002.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-imsemmi konvenut Ryan Camilleri gia’ Fenech twieled fit-12 ta’ Gunju 1989, u fit-8 ta’ Frar 1994 l-attur kien beda proceduri ta’ separazzjoni kontra l-konvenuta (Dok. “JF 1” – fol. 35) fejn kien sostna li ghalkemm kellu tlett itfal miz-zwieg, *“l-intimata issa allegat li z-zghir Ryan mhux tieghu”.*

Illi wara dan l-istess attur kiteb u ffirma dikjarazzjoni datata 8 ta’ Lulju 1994 (Dok. “JF 2” – fol. 36) fejn iddikjara li huwa kien lest li jikkoncedi li Ryan jigi ndikat li huwa iben tal-konvenuta u Tony Camilleri u fil-fatt testwalment iddikjara li:-

*“Jiena Victor Fenech, lest li ndawwar lil Ryan fuq Jacqueline Fenech u Tony Camilleri. Bil-patt li jghaddi kemm jaghddi zmien ma tista’ qatt tfittixni ghal xejn u li jien ma ghandix x’naqsam mat-tifel”.*

Illi sussegwentement ghal dan il-konjugi Fenech isseparaw fl-14 ta’ Ottubru 1994 (Dok. “X” – fol. 52) fejn il-kura u l-kustodja tal-istess minuri giet fdata f’idejn ommu, li l-attur ma jkollu ebda access ghall-istess, li l-istess minuri jitnizzel fuq il-passaport tal-omm, u ma gie miftiehem ebda manteniment ghall-minuri Ryan, b’dan ghalhekk li l-istess minuri kien ser jigi mantnut minn ommu. Saret ukoll likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u saret ukoll dikjarazzjoni f’artikolu 15 tal-istess kuntratt li *“l-partijiet iddikjaraw li m’ghandhom l-ebda pretensjoni ohra kontra xulxin ......”.*

Illi fis-sena 2000 jidher li saret kawza mill-konvenuta sabiex l-imsemmi Ryan jigi ddikjarat li ma huwiex iben l-attur izda ta’ Anthony Camilleri, u ma jirrizultax li l-attur oppona ghal din il-kawza, li fil-kors taghha saru wkoll testijiet tad-DNA sabiex tigi stabilita’ l-paternita’ tal-istess minuri u konsegwenti ghall-istess sentenza datata 30 ta’ April 2002 l-istess minuri gie ndikat bhala iben Anthony Camilleri.

Illi l-ewwel eccezzjoni imqajma mill-konvenuti hija li t-talba attrici hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** li tipprefiggi terminu ta’ hames snin sabiex issir l-azzjoni; dan qed jigi bbazat fuq il-pretensjoni *da parte* tal-konvenuti, li l-attur kien ilu jaf li Ryan mhux ibnu sa mit-twelid tieghu, u dan peress li mhux biss kien jaf, izda kien jinkoraggixxi r-relazzjoni li l-konvenuta kellha ma’ dak li huwa llum indikat bhala missier l-istess minuri. Minn naha l-ohra l-attur jghid li huwa sar jaf li mhux missier l-istess minuri biss mid-data meta saru t-testijiet tad-DNA sabiex tigi stabbilita l-paternita’ ta’ l-istess minuri.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-verzjoni tal-attur, u dan peress li jirrizulta minn dikjarazzjoni tieghu stess datata 8 ta’ Lulju 1994 (Dok. “JF 2”) li huwa kien gja ppreparat li jcedi l-paternita’ tal-minuri a favur Anthony Camilleri, u jidher car li almenu minn dak in-nhar ma hallas ebda manteniment ghall-minuri, u dan meta l-minuri kien ghad kellu biss 5 snin. Minkejja dan kollu jirrizulta li l-attur ma ghamel xejn dwar dan, la

gudizzjarjament u lanqas mod iehor, hlief li wara dan kollu huwa fetah din il-kawza fil-5 ta’ Gunju 2003.

Illi l-attur jargumenta li t-terminu ta’ preskrizzjoni kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tat-30 ta’ April 2002 ghaliex kien minn dik id-data li l-istess attur seta` jaghmel din l-azzjoni, izda minn naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li l-attur kellu jaghmel din il-kawza hafna qabel almenu mid-data tad-dikjarazzjoni tieghu msemmija tat-8 ta’ Lulju 1994, li saret wara li huwa kien fetah proceduri ta’ separazzjoni, u ftit qabel ma sar il-kuntratt ta’ separazzjoni fl-14 ta’ Ottubru 1994, data meta definitivament heles minn kull obbligu ta’ manteniment ghall-istess minuri.

Illi huwa sintomatiku ghal din il-kwistjoni li l-manteniment li l-attur qed jitlob li jithallas lura huwa dak bejn id-data tat-twelid tal-istess minuri fit-12 ta’ Gunju 1989 u dan sad-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, u ghalhekk jidher car li it-talba ghar-rifuzjoni ta’ manteniment li allegatament thallas ghall- beneficcju tal-minuri kienet naturalment marbuta ma’ dak li kien l-obbligu tieghu ghall-hlas tal-istess skont il-ligi, obbligu li spicca bil-kuntratt ta’ separazzjoni, u mhux bis-sentenza citata.

Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti thoss li l-kawza odjerna hija preskritta peress li tali azzjoni kif ittenta llum, setghet u kellha, jekk guridikament permessibbli, ssir mis-sena 1994 u la darba l-azzjoni attrici saret biss fil-5 ta’ Gunju 2003, mela allura l-azzjoni attrici hija preskritta a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

Illi minkejja dan, dwar il-mertu din il-Qorti thoss li l-elementi ta’ l-azzjoni attrici huwa li persuna tkun kisbet vantagg jew utilita’ minhabba xi gid ta’ haddiehor li kien ghadda ghandha jew minhabba xogholijiet jew servizzi li twettqu fi hwejjigha bla ma sar hlas taghhom jew b’mod li ffrankat l-ispejjez, it-tnaqqis mill-gid ta’ parti l-ohra b’tikolu lukrattiv; ir-rabta bejn it-tnaqqis mill-gid ta’ parti u l-beneficcju li hadet jew akkwistat il-parti l-ohra; in-nuqqas ta’ raguni li tiggustifika l-arrikkiment ta’ parti u t-telf tal-parti l-ohra; u fl-ahharnett li min laqa’ ghandu l-haga jew

servizz staghna b'dik il-haga jew b'dak is-servizz u dan kollox kif indikat fis-sentenzi nostrali fosthom dawk fl-ismijiet **"Emanuel Bartolo vs Victor Micallef"** (P.A. (JRM – 28 ta' Ottubru 2004; u **Richard Azzopardi et vs Isabel Cassar et"** (P.A. (JRM) – l-1 ta' Marzu 2004).

Illi ovvjament huwa oneru tal-attur li jipprova dan kollu u din il-Qorti thoss li mill-fatti kif esposti ma jirrizultax li l-attur ipprova l-elementi necessarji sabiex tirnexxi din l-azzjoni u dan peress li jirrizulta li l-attur kien jaf bis-sitwazzjoni reali u wkoll li fil-verita' minhabba hekk ma kienx mantna lill-imsemmi minuri.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ilu jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' Anthony Camilleri, u f'dan is-sens il-Qorti qed taccetta l-verzjoni tal-konvenuta, u dan ghaliex ix-xhieda taghha hija iktar verosimili u hija wahda konsistenti u kkoroborata kif ser jinghad iktar il-quddiem.

Illi minn naha l-ohra il-versjoni attrici hija fuq kollox kontradetta minnu stess, tant li ghall-ewwel jghid li huwa sar jaf bir-relazzjoni ta' martu ma' Anthony Camilleri u li Ryan mhux ibnu biss meta saru t-testijiet tad-DNA waqt il-kawza istitwita minn martu sabiex tistabbilixxi l-paternita' ta' binha, izda mbaghad jghid mod iehor tant li almenu fix-xhieda tieghu tal-20 ta' Frar 2006 huwa jsostni:-

*"Kif qed nghid, qabel il-kuntratt ta' separazzjoni, jigifieri hames snin qabel l-14 ta' Ottubru 1994, jiena ndunajt illi Camilleri kien qed ikollu relazzjoni mal-mara tieghi".*

Illi fid-dawl ta' din id-disposizzjoni tal-attur stess jirrizulta li l-attur kien jaf sew b'din ir-relazzjoni, u hawn ix-xhieda ta' Gemma Aquilina hija vitali ghal dik li hija l-kredibilita' ta' verzjoni ta' parti jew ohra, u dan peress li l-istess xhud affermat li l-attur kien hbieb sew ma' l-istess Anthony Camilleri sal-punt li meta twieled l-istess minuri l-attur stess mar ghandha u qal lill Anthony Camilleri *"Nin, ghandek tifel".* Iddiskriviet ir-relazzjoni bejn iz-zewgt irgiel bil-kliem li kienu qishom *"hobz u sikkina",* u qalet ukoll li meta twieled l-istess minuri marru flimkien l-Isptar jaraw

lill-konvenuta, u din ikkonkludiet li *"mid-diskors li ntqal quddiemi jiena ma kellix l-ebda dubju li t-tifel li twieled kien it-tifel ta' Anthony u mhux ta' Victor....".*

Illi jirrizulta wkoll li l-istess attur kien ta c-cwievet tad-dar tieghu lil imsemmi Anthony Fenech, u li dan kien ikun spiss id-dar tal-attur u dan jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici, ikkorroborata mix-xhieda ta' Gemma Aquilina u dik ta' Simone Farrugia, u gie ppruvat ukoll li minn xi ftit snin wara z-zwieg tal-konjugi Fenech, Anthony Camilleri gie introdott fid-dar taghhom mill-attur stess, u jirrizulta li kien jaf bir-relazzjoni li l-konvenuta kellha ma' l-istess, tant li jidher li huwa kien inkorragiha, bil-mod kif deskritt mill-istess konvenuta fl-affidavit taghha, u wkoll l-istess attur kemm il-darba ha flus minghand l-imsemmi Anthony Camilleri, u mhux biss, izda meta l-konvenuta kienet titolbu flus ghall-manteniment, huwa stess kien jibghatha ghand l-imsemmi Anthony Camilleri (ara xhieda attrici fl-affidavit taghha tal-1 ta' Dicembru 2004).

Illi mhux hekk biss izda fil-kawza imsemmija deciza fis-sena 2002 l-istess konvenuta, attrici f'dik il-kawza, kienet xehdet li l-istess minuri kien dejjem mantnut minn Anthony Camilleri u dan peress li l-attur kien jaf li t-tifel mhux tieghu, u din ix-xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta f'dik il-kawza, u fil-fatt jidher li l-attur odjern qatt ma pprova jikkontradixxi din ix-xhieda tal-konvenuta odjerna, la f'dik il-kawza u lanqas f'din il-kawza.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li x-xhieda prodotta f'din il-kawza turi li ma hemmx bazi ghal din l-azzjoni attrici, kemm ghaliex l-attur kien jaf li Ryan mhux tieghu, kif ukoll peress li effettivament ma giex lanqas ippruvat li fiz-zmien imsemmi mill-attur, l-istess minuri kien mantnut minnu, izda jirrizulta li l-istess minuri kien effettivament qed jigi mantnut mill-imsemmi Anthony Camilleri u ghalhekk anke taht dan l-aspett it-talbiet attrici qed jigu michuda.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti thoss li fil-kuntest tal-ordinament guridiku attwali ma hemmx lok ghall-azzjoni attrici kif proposta u dan peress li jirrizulta li l-azzjoni li kienet ghamlet il-konvenuta sabiex tigi stabbilita legalment il-

paternita’ tat-tifel saret a bazi tal-**artikolu 77 tal-Kap. 16,** liema azzjoni hija subordinata ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 81** fis-sens li l-istat ta’ iben legittimu ma jista’ jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta’ iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat kien jaqbel ma’ tali att **(“Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri”** (Vol. XXXII.ii.309) u **“Jesmond Zammit vs Anthony Rapa”** (P.A. (RCP) – 18 ta’ Jannar 2000).

Illi dan iffisser li huwa biss meta l-istess minuri ma jkunx akkwista l-istat ta’ iben legittimu konformi mal-att ta’ twelid, li l-istat ta’ wild legittimu jista’ jigi attakkat, u fil-fatt mis-sentenza fuq citata li ddikjarat l-istess minuri bhala iben ta’ Anthony Camilleri, jirrizulta li l-istess minuri dejjem kien konsidrat bhala iben ta’ l-istess imsemmi Anthony Camilleri, u fil-fatt dan ma giex kontestat mill-attur odjern lanqas fl-atti ta’ dik il-kawza, u dan kif jidher car mis-sentenza fl-ismijiet **“Mary Jacqueline Fenech proprio et nomine vs Victor Fenech”** (P.A. (RCP) – 30 ta’ April 2002. Dan ifisser li b’hekk l-elementi essenzjali tal-azzjoni attrici kif ittentata ma’ tistax tirnexxi ghaliex l-attur kien konxju ta’ dak kollu li kien qed jigri u kien jaf x’qed jaghmel.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuti ta’ preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16,** u fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti fil-mertu biss in kwantu l-istess huma konformi ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma preskritti u nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------